# Is-sejħa

Alla jsejjaħ
Lil min irid,
Fil-pjan tiegħu
Jagħmel il-ġid.
Kemm mal-bniedem
U mal-bnedmin,
Lilhom jagħmel
Hekk ferħanin.

Alla għaqli
Jhares 'il bogħod,
Jghin lil umli
Bil-mod il-mod.
Miegħu jaħdem
Mhux mas-supperv,
Miskin qisu
Bħal xebgħa nerv.

Alla jsejjaħ
Ħalli nweġbuh,
Inkella nibqgħu
Meta bil-ġuħ.
Ngħajtu w nibku
Kollu għalxejn,
Qalbna iebsa
Mwaħħla max-xejn.

Is-sempliċi
Dawn magħżulin,
Kemm idawwlu
Lill-imjassrin.
Kristu lilhom
Irid miegħu,
Jħallu kollox
Huma tiegħu.

Teoriji
Sieħbi m'għandhomx,
Frugħa fihom
Ma jibqagħlhomx.
Kemm jimpenjaw
Ruħhom mal-fqar
Huma Kristu
Maż-żgħar u l-kbar.
Biegħu kollox
Pjanijiethom,
Jgħinu l-morda

F'tbatijiethom.

Hu b'nies bħal dawn
Hekk mogħtija,
Kemm iqanqlu
Wisq stennija.
Huma siekta
Ma jaħarbux
Minn sejħathom
U ma jistħux.
Jibqgħu jagħtu
U jingħataw,
Frotthom jibqa'
La jispiċċaw.

Ibqa' aħdem
Mulej qaddis,
Ħawwad tajjeb
Mill-aktar fis.
Wara kollox
Inti is-Sultan,
Li tagħmel int
Tassew ferħan.

Miegħek nifraħ
F'li qed jiġri,
Kompli sisti
Ilma ġieri.
O kemm taf tħobb
Lil kull ħlejqa,
Ibqa' sejjaħ
Irfina s-sejħa.

Patri Mario Attard OFM Cap
11 ta' Marzu 2024

Ibierkek Alla li jista kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen